

**Brussell, 10 ta' Marzu 2023
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0396(COD)**

**6705/1/23
REV 1**

**ENV 163
MI 133
ENT 34
IND 67
CONSOM 54
COMPET 135
CODEC 242**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ. Il-proposta għandha l-għan li tipprevjeni l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, tagħti spinta lir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u toħloq suq għall-materja prima sekondarja, filwaqt li fl-istess ħin tiffaċilita l-informazzjoni għall-konsumatur u toħloq opportunitajiet ġodda ta' negozju. Skont din il-proposta, ser jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' sostenibbiltà u restrizzjonijiet għas-sustanzi kimiċi, u ser jiġu armonizzati l-kriterji skont l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, it-tikkettar, l-immarkar u r-rekwiżiti ta' informazzjoni.
2. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fil-5 ta' Diċembru 2022. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent iddiskuta l-proposta matul erba' laqgħat oħra.

3. Sabiex tiggwida d-dibattitu dwar il-proposta leġislattiva msemmija hawn fuq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) tas-16 ta' Marzu 2023, il-Preidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u żewġ mistoqsijiet, kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE
- Dibattitu ta' orjentazzjoni -

Dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza b'mistoqsijiet għall-Ministri

Għalkemm ir-rati ta' riċiklaġġ żdiedu fl-UE, l-ammont ta' skart iġġenerat mill-imballaġġ qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mir-riċiklaġġ. Matul l-aħħar deċennju, l-ammont ta' skart mill-imballaġġ żdied b'aktar minn 20 %, u huwa mistenni li jiżdied b'19 % oħra sal-2030 jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni. Għall-iskart mill-imballaġġ tal-plastik, iż-żieda mistennija hija ta' 46 % sal-2030. Ammonti dejjem akbar ta' skart mill-imballaġġ jinvolveja żieda fil-konsegwenzi ambjentali, inkluż użu akbar u ineffiċjenti tar-riżorsi, impatti klimatiċi negattivi, żibel, użu żejjed ta' sustanzi ta' tħassib fl-imballaġġ u sfidi dejjem akbar għall-ġestjoni tal-iskart, inkluż riċiklaġġ ta' kwalità baxxa, u miżbliet eċċessivi, inċinerazzjoni, u esportazzjoni fi tmiem il-ħajja.

Il-produzzjoni tal-imballaġġ u l-ġestjoni tal-iskart mill-imballaġġ għandhom fatturat totali stmat ta' EUR 370 biljun fl-UE. It-trasformazzjoni tas-settur tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ għalhekk għandha rwol u potenzjal sinifikanti fit-trasformazzjoni tal-Ewropa f'ekonomija nadifa, sostenibbli u ċirkolari, f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Wara l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għal ekonomija ċirkolari, il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2019 (12791/19), stipula fost l-oħrajn li sal-2030, l-imballaġġ tal-plastik kollu mqiegħed fis-suq fl-UE għandu jkun jista' jerġa' jintuża jew jiġi riċiklat, li l-kapaċità għas-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-imballaġġ fl-UE għandha tiżdied b'erba' darbiet, u stieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjonijiet ulterjuri.

Fit-30 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva ġdida għal Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ ("il-proposta PPWR"), li tibni fuq ir-rieżami tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (94/62/KE). Il-proposta PPWR għandha l-għan li tipprevjeni l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, tagħti spinta lir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u toħloq suq għall-materja prima sekondarja, filwaqt li fl-istess ħin tiffaċilita l-informazzjoni għall-konsumatur, toħloq opportunitajiet ta' negozju ġodda u tnaqqas id-dipendenza tal-importazzjoni tal-UE fuq materji primi u fjuwils fossili.

Status tal-ħidma fil-Kunsill

Taħt il-Presidenza Żvediża, il-proposta PPWR ser tkun ġiet diskussa f'erba' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent qabel il-Kunsill Ambjent, u l-ewwel eżami tal-proposta huwa mistenni li jitlesta. B'mod ġenerali, l-Istati Membri indikaw appoġġ għall-oġġettivi ġenerali tal-proposta PPWR, filwaqt li talbu kjarifika u, fir-rigward ta' xi partijiet tal-proposta, esprimew tħassib.

Suġġetti għad-diskussjoni

Sabiex tipprovdi gwida għall-ħidma futura tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent, il-Presidenza tissuġġerixxi li ż-żewġ suġġetti li ġejjin jiġu indirizzati mill-Kunsill Ambjent fis-16 ta' Marzu 2023.

Ambizzjoni ġenerali għal reġim ġdid ta' imballaġġ

Il-proposta PPWR għandha l-għan li treġġa' lura x-xejra mhux sostenibbli ta' żieda fl-iskart mill-imballaġġ u li tapplika l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari billi tintroduċi miri ġodda u rekwiżiti ta' sostenibbiltà armonizzati madwar l-UE. Dawk ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sustanzi ta' tħassib, ir-riċiklabbiltà, il-kontenut riċiklat, l-imballaġġ kompostabbli, il-minimizzazzjoni tal-imballaġġ u l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża. Huma stabbiliti miri biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ, biex jiżdied l-użu mill-ġdid u l-mili mill-ġdid għal setturi u formati ta' imballaġġ differenti, u biex jiġu introdotti rati ta' kontenut riċiklat fl-imballaġġ tal-plastik. Il-miri tar-riċiklaġġ jibqgħu l-istess bħal fid-Direttiva dwar l-Imballaġġ attwali.

Ir-regoli l-ġodda jinkludu obbligi fuq l-operaturi ekonomiċi u dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar armonizzat fuq l-imballaġġ u l-kontenituri tal-iskart, bl-għan li jinholq valur miżjud sostanzjali għall-industrija u li tiġi ffaċilitata s-separazzjoni tal-imballaġġ tal-iskart mill-konsumaturi. Il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, kif ukoll dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku.

L-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti żvelaw id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni tal-materja prima u l-fjuwils fossili. Huwa stmat li l-miżuri proposti dwar il-kontenut riċiklat inaqqsu r-rekwiżiti tal-fjuwils fossili tal-UE b'3.1 miljun tonnallata fis-sena (kważi ¼ mill-fjuwils fossili attwalment meħtieġa għall-produzzjoni tal-imballaġġ tal-plastik). B'mod ġenerali, il-proposta PPWR tindika li l-mixja lejn ekonomija aktar ċirkolari fl-imballaġġ twassal għal benefiċċji bħall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni, l-istimolu tal-innovazzjoni u t-tiżiż tat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll it-tnaqqis tan-nefqa mhux meħtieġa tal-unitajiet domestiċi.

Innovazzjoni u trasformazzjoni bil-ħsieb tal-prevenzjoni tal-iskart

F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-proposta PPWR huwa li tiġi evitata l-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, b'mod partikolari permezz tal-minimizzazzjoni tal-imballaġġ, ir-restrizzjoni tal-imballaġġ mhux meħtieġ u t-trawwim ta' soluzzjonijiet ta' imballaġġ li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jistgħu jimtlew mill-ġdid. Minbarra dawn il-miżuri fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri nazzjonali adattati għaċ-ċirkostanzi lokali sabiex jilhq u l-miri ta' tnaqqis ta' 5 % sal-2030, 10 % sal-2035 u 15 % sal-2040 meta mqabbla mal-2018.

Fil-proposta PPWR, l-akbar żewġ kontributuri għat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart fil-livell tal-UE huma l-projbizzjoni proposta fuq l-imballaġġ mhux meħtieġ, bħal ċerti forom ta' imballaġġ li jintuża darba biss li jista' jiġi evitat fis-settur tal-lukandi, tal-bejgħ bl-imnut u tar-ristoranti, u obbligu għall-kumpaniji li joffru ċertu perċentwal tal-prodotti tagħhom lill-konsumaturi f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jew li jista' jimtela mill-ġdid, pereżempju xorb u ikliet takeaway jew konsenji tal-kummerċ elettroniku. L-istabbiliment tal-miri huwa mistenni li jgħin jippromwovi l-innovazzjoni u jżid is-sehem ta' soluzzjonijiet ta' użu u ta' mili mill-ġdid. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-livell tal-prodotti għandhom joħolqu aktar investiment f'imballaġġ innovattiv u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u mudelli ta' negozju ċirkolari ġodda.

Mistoqsijiet lill-ministri

Sabiex tingħata gwida għall-ħidma kontinwa fuq ir-regolament propost, il-Presidenza tistieden lill-Ministri jwieġbu għaż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. X'inhom l-fehma tagħkom dwar l-ambizzjoni ġenerali tal-proposta PPWR biex jitreggħu lura x-xejriet mhux sostenibbli u għaljin relatati mal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, u liema elementi tqisu li huma l-aktar adegwati u f'waqthom f'dan ir-rigward?*
- 2. X'inhom l-aktar miżuri importanti biex tiġi xprunata l-prevenzjoni tal-iskart mill-imballaġġ u jitravmu soluzzjonijiet innovattivi fl-UE?*
